

It-Tlieta, 12 ta' Diċembru 2006

P6_TA(2006)0546

Iċ-Ċirkolazzjoni ta' Għalf Kompost *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-korrezzjoni tad-Direttiva 2002/2/KE li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE dwar iċ-Ċirkolazzjoni ta' Għalf Kompost (COM(2006)0340 — C6-0209/2006 — 2006/0117(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006) 0340) ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 152(4)(b) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0209/2006),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali (A6-0411/2006),
1. Japprova l-proposta mill-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ Għadha mhux ippublikata fil-ĠU.

P6_TC1-COD(2006)0117

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-12 ta' Diċembru 2006 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni *Nru .../2007/KE* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkoreġi d-Direttiva 2002/2/KE li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE dwar iċ-ċirkolazzjoni ta' l-għalf kompost

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 152(4)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽¹⁾,

⁽¹⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2006.